VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,587, 4 ta' Mejju, 2010

Taqsima B

A.L. 265 ta' l-2010

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta'dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2008 dwar l-Użu Kontenut ta' Mikro-Organiżmi Modifikati Ġenetikament, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 127 ta' l-2008.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok is-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu d-disposizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni f'Malta tad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 2009/41/KE tas-6 ta' Mejju, 2009 dwar l-użu kontenut ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament (recast) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' dak l-istrument legali.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok is-subregolamenti (1) u (2) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:-

"(1) Il-persuna li tippreżenta notifika sabiex tikseb permess għall-attivitajiet msemmija fir-regolamenti 6, 7, 8 u 9, hawn aktar l'isfel imsejħa l-applikant, għandha tippreżenta t-talba tagħha bil-miktub lill-awtorità kompetenti qabel ma twettaq dik l-attività.

(2) Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tevalwa notifika u toħrog permess, għandu jkun hemm mehmuż ma' l-applikazzjoni d-dokumenti rilevanti u kull informazzjoni oħra meħtieġa mill-awtorità kompetenti. L-applikant għandu jindika b'mod ċar jekk l-applikazzjoni tkunx tippreġudika xi każ ta' infurzar, kawża fil-qorti jew kawżi oħra li jkunu jinsabu *sub-judice*.".